MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2014

Numru. 498/2013

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Sarah Magri)**

**Vs**

**ALEXIA FENECH**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Alexia Fenech** ta' 25 sena bint Joseph u Tania nee' Calleja, imwielda Pieta` nhar 07/04/1988, u residenti The Palms, Triq K. Galea, Birkirkara, detentrici tal-karta tal-identita` numru 178788M, giet akkuzata talli :

1. Nhar il-31 ta' Marzu 2013 ghall-habta tas-siegha ta' filghodu gewwa t-tinda MFCC limiti ta' Attard, bl-imgieba taghha kkagunat lil haddiehor u cioe` lil WPS 297 Rhian Spiteri biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, u cioe` ufficjal tal-Pulizija, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' WPS 297 Rhian Spiteri u dan skond kif iccertifikat minn Dr. M. Xuereb Med No. 2581.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tat-23 ta` Mejju 2013 sabiex dan il-kaz jgi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament ;

Rat li, fl-udjenza ta' llum 22 ta' Lulju 2014, wara l-qari ta` l-akkuzi bil-gurament u waqt l-ezami, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputata, f'liema ammissjoni hija baqghet tippersisti anki wara li inghatat z-zmien skond il-Ligi sabiex tirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u tad-difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputata irregistrat ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputata, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjaraha hatja taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi l-fatti fil-qosor, u li rrizultaw sodisfacentement quddiem din il-Qorti, li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. F'xi hin ghall-habta ta` 00.50hrs tal-31 ta` Marzu 2013, l-imputata kienet fil-kumpanija ta` l-gharus taghha gewwa l-MFCC f'Ta` Qali. Ghall-finijiet ta` investigazzjoni, il-pulizija arrestat lill-gharus ta` l-imputata, u gie mehud gewwa l-van tal-pulizija. Kien hawn li l-imputata baqghet tinsisti li tmur tkellem lill-gharus taghha. WPS297 R. Spiteri, li ghalkemm pajzana, identifikat ruhha bhala pulizija, ippruvat tfehemha li ma setghetx tmur tkellmu u kien hawnhekk li l-imputata imbuttat lil WPS297 bil-konsegwenza li din ta` l-ahhar waqghet u sofriet griehi hfief. In vista ta` dan l-incident l-imputata tressqet il-Qorti biex twiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. il-fedina penali nettissima;
b. l-ammissjoni bikrija ta` Alexia Fenech li, ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;
c. il-fatt li, kif deheret fl-udjenza ta` llum stess, Alexia Fenech gharrfet li zbaljat sew u ddispjacieha ghal dak li ghamlet;

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni

taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, inkluz il-karattru ta` Alexia Fenech, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 251B, 96, 214, 215, u 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil Alexia Fenech hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra taghha u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Alexia Fenech bil-kondizzjoni li ma taghmel ebda reat matul il-perjodu ta` tnax-il xahar mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lil Alexia Fenech fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hija taghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------